

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14535/23

FIN 1083
INST 410
PE-L 40

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13788/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023

1. Fil-11 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta hu li jiġi riallokati l-ammont totali ta' EUR 17.4 miljun f'approprjazzjonijiet mhux differenzjati mill-Partiti 20 01 02 01 (*Remunerazzjoni u allowances - Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza*), 20 01 02 03 (*Remunerazzjoni u allowances - delegazzjonijiet tal-Unjoni*), 20 02 01 01 (*Persunal kuntrattwali*) u 20 02 06 02 (*Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi*) għall-Partiti 20 03 02 02 (*Nefqa relatata mal-bini*), 20 03 08 03 (*Xiri ta' informazzjoni*), 20 03 13 01 (*Nefqa għat-Traduzzjoni*), 06 01 03 01 (*Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni*) u 06 01 04 01 (*Kirjiet u xiri*) kif imniżżel fid-dokument 13788/23.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex:

- jiġu koperti l-ispejjeż tal-enerġija (EUR 11.5 miljun), minbarra l-ammont kopert mit-trasferimenti awtonomi tal-Kummissjoni (EUR 2.2 miljuni);
- tiġi koperta l-ħtieġa akbar li tinxtara informazzjoni finanzjarja għall-finijiet ta' tbassir bil-quddiem u ġestjoni tar-riskju wara l-kompiti u r-responsabbiltajiet marbuta mal-istrument NextGenerationEU (EUR 1.4 miljuni);
- tiġi koperta n-nefqa sa tmiem is-sena għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni (EUR 4 miljuni);
- jissaħħaħ il-baġit tal-missjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), b'mod partikolari għall-investigazzjonijiet (EUR 0.25 miljun);
- jiġu koperti l-ispejjeż tal-kiri tal-OLAF li esperjenzaw żieda eċċezzjonali minħabba l-indiċjar (+10 %) (EUR 0.3 miljun).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2023.

4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 13788/23; u
- l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, qed ninfirmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 17/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).